MALTA RESOURCES AUTHORITY

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## Skema ġdida biex tgħin lill-familji jinvestu f'xiri ta' panelli fotovoltajċi

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi tħabbar li permezz ta' avviż maħruġ illum, mill-Erbgħa 28 ta' Lulju sat-Tlieta 10 ta' Awwissu 2010, se tkun qed tilqa' applikazzjonijiet sabiex familji Maltin u Għawdxin jinstallaw panelli fotovoltajiċi fid-dar tagħhom. L-għotja fuq panelli fotovoltajċi se tkun ta' 50 % tan-nefqa sa massimu ta' €3,000.

L-applikazzjoni tista' titniżżel minn fuq il-websajt www.mra.org.mt. L-applikazzjonijiet se jibqgħu jintlaqgħu matul il-perijodu kollu tal-iskema (u mhux fuq first come first served basis). Għall-ewwel darba l-Awtorità se tkun qed tilqa' l-applikazzjonijiet ukoll bil-posta. Fil-każ ta' Għawdex, l-applikazzjonijiet jistgħu jkunu depositati f'kaxxa fl-uffiċċju tal-MEUSAC fi Triq Santa Marta f'Victoria. Sabiex il-konsumatur ikun moqdi aħjar, l-Awtorità qed testendi l-ħinijiet tal-uffiċċju għall-ġranet tat-Tnejn u l-Ħamis sas-6 p.m. Għall-kumplament tal-ġimgħa il-ħinijiet tal-uffiċċju tal-MRA se jkunu bejn it-8 a.m. u s-1 p.m filwaqt li l-ħinijiet tal-uffiċċju tal-MEUSAC f'Għawdex huma bejn it-8 a.m. u n-12.30 p.m.

Fin-Notifika tal-Gvern http://www.doi.gov.mt/EN/gazetteonline/2010/07/gazts/GG%2022.7.pdf hemm imniżżla t-termini u l-kundizzjonijiet li japplikaw għal din l-iskema. L-Awtorità tfakkar li mal-applikazzjoni għandhom jintbagħtu d-dokumenti kollha meħtieġa, u li l-s-sistema proposta li tkun se tinxtara tkun reġistrata mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.

L-Awtorità tfakkar li kull sistema fotovoltajika proposta, biex tkun eleġibbli għal din l-għajnuna, ma tistax tkun installata qabel il-ħruġ ta' ittra tal-offerta mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi. Applikanti li rċevew għojta għal sistema fotovoltajika fis-snin 2008 u 2009 m'humiex eliġibbli għal għotja oħra maħruġa taħt din l-iskema.

Dawk l-applikanti li kienu tefgħu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja fis-16 ta' Frar li għadda jridu japplikaw mill-ġdid.

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 21220619; Fax: +356 22955200 E-mail: enquiry@mra.org.mt*

L-Awtorità tħeġġeġ biex familji Maltin u Għawdxin jibbenifikaw minn din l-offerta vantaġġjuża. Permezz tal-feed-in tariffs imħabbra l-bieraħ mill-Gvern, kull min jinvesti f'sistema ta' pannelli fotovoltajċi għall-użu fir-residenza tiegħu għandu rata garantita ta' tmien snin. Fil-każ ta' familji f'Malta l-feed-in tariff se tkun ta' €0.25 għal kull kWh, familji f'Għawdex ir-rata hi ta' €0.28 għal kull kWh ta' elettriku li jkun iġġenerat u mibjugħ lill-Enemalta.

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi se torganizza tliet laqgħat ta' informazzjoni għall-applikanti interessati.

- L-ewwel laqgħa se ssir is-Sibt 24 ta' Lulju fi Projects House fil-Floriana fid-9.30 a.m.,
- laqgħa oħra se ssir nhar l-Erbgħa 28 ta' Lulju fil-Lukanda Phoenicia fil-Floriana fis-6.30 p.m., u
- il-Ġimgħa 30 ta' Lulju fil-Lukanda Calypso, f'Marsalforn Għawdex fis-6.30 p.m.

22 ta' Lulju 2010
MRA/PR 9/10

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 21220619; Fax: +356 22955200 E-mail: enquiry@mra.org.mt*